FONTANA

Minuti tal-kontinwazzjoni tat-tlieta u għoxrin laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar l-Erbgħa, 7 ta` Marzu 2007 fl-4.30 ta` wara nofsinhar.

| **Preżenti:** | **Membri** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Saviour Borg |
| Viċi-Sindku | Is-Sur Victor Cefai |
| | Is-Sur Lorry Apap |
| | Is-Sur Anthony Cassar |
| | Is-Sinjura Maria Schembri |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | Is-Sinjura Josianne Cassar |

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku s-Sur Saviour Borg.
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet it-talba u qrat il-minuti ta` qabel li ġew approvati.

**Korrispondenza**

Il- *Victoria Scout Group* kiteb lill-Kunsill dwar il-*Jamboree* dinji li ser isir fir-Renju Unit. Il-*Victoria Scout Group* ser jifforma parti mill-kontinġent Malti għal dan il-*Jamboree*. Żewġ membri mill-grupp, Pawlu Frendo u James Caruana, li ser jattendu għal dan l-avveniment huma mill-Fontana. Il-Kunsill ġie mistieden illi jisponsorja parti mill-ispejjez, li huma madwar Lm600 għal kull *Scout*, ta` dawn iż-żewġ *Scouts*. Il-Kunsilliera Maria Schembri staqsiet jekk l-i*Scouts* humiex mdaħħla fl-Iskeda. Is-Sindku wieġeb fl-affermattiv. Is-Sindku ssuġġerixxa li jingħataw Lm50 kull wieħed u l-Kunsill qabel. Dawn l-i*sponsors* għandhom jitħallsu mill-fondi tal-*Budget* il-ġdid.
Id-Direttur Mużikali tal-*Gozo Youth wind band & orchestra* Joseph Grech, talab lill-Kunsill sabiex jikkunsidra li jisponsorja ħames leġiji oħra li jiswew Lm34.25 il-wieħed. Dan il-finanzjament jista` jiġi mpartat f`servizz mużikali. Il-Kunsill qabel illi peress is-sena l-oħra meta nxtraw il-leġiji kien hemm ftehim ta` sentejn għal servizzi mużikali, din is-sena ma jisponsorjax leġiji. Punt ieħor li tqajjem kien illi l-ħames membri li huma mill-Fontana diġa għandhom leġiju kull wieħed sponsorjat mill-Kunsill u għaldaqstant jekk jaċċetta l-Kunsill ikun qed iħallas leġiji lill-membri minn lokalitajiet oħra. Is-Sindku ssuġġerixxa li navżaw lis-Surmast Grech li din is-sena l-Kunsill għen lil żewġ membri ta` l-i*scouts* li ser jattendu għall-*Jamboree* u fuq kollox il-Kunsill marbut bil-*Budget* kemm jista' jgħin. Il-Kunsill qabel u għandha tinkiteb ittra fejn tispjega dan kollu.
Il-Fondazzjoni OASI kitbet lill-Kunsill dwar is-16 edizzjoni ta` 'Riflessi Sajfin' li ser issir is-Sibt, 11 t`Awissu 2007 f`Marsalforn. Il-Fondazzjoni talbet *sponsor* ta` Lm50. Il-Kunsill qabel.
Il-*Malta Association of Women in Business* talbet lill-Kunsill sabiex jinnomina mara li tkun fil-*business* mill-lokalita'.
Il-*Malta Playing Fields Association* ser jirregalaw biċċa apparat tal-*Playing Field* li tittella` bix-xorti lill-Kunsill Lokali differenti f`Marzu ta` kull sena. Il-Kunsill qabel illi jipparteċipa f`din l-iskema.

Ms. Carine Callus min-*National Euro Changeover Committee* kitbet lill-Kunsill dwar il-bidla għall-Ewro. Is-Sindku ssuġġerixxa li ssir laqgħa t`informazzjoni dwar dan is-suġġett għar-residenti. Il-Kunsill qabel.

Ms. MaryRose Francica mill-*Europe Direct* talbet sabiex tiġi identifikata persuna mill-Kunsill sabiex tkun persuna ta` kuntatt biex l-anzjani jifhmu aħjar il-bidla għall-Ewro. Il-Viċi-Sindku ssuġġerixxa li din il-persuna tkun is-Sindku. Is-Sindku aċċetta.

L-Uffiċċju Elettorali bagħat Avviż għall-Istampa dwar il-karti ta` l-identita' li skadew fl-2006 u li se jiskadu fl-2007 ser jibqgħu validi sal-31 ta` Diċembru 2007. Il-Kunsill qabel illi jagħmel dan l-avviż fin-*notice boards* tal-Kunsill.

Il-Kummissjoni Nazzjonali tal-Promozzjoni ta` l-Ugwaljanza qiegħda tiffinalizza proġett bl-isem *(W.I.N.D. – Women in Development)* li hu ffinalizzat mill-Unjoni Ewropeja. It-tema tal-proġett hija *'The promotion of gender equality, particularly in Local Development'*.

L-Awtorita' dwar it-Trasport ta` Malta bagħtet korrispondenza dwar l-iskema tal-parkeġġ residenzjali. Il-Kunsill qabel illi jinforma lill-Awtorita' li l-lista li ntbagħtet ma` din l-ittra mhix dik tal-Fontana. Għandha tiġi nfurmata l-A.D.T. dwar dan.

Il-Korporazzjoni EneMalta approvat li titwaħħal bozza ġdida kif talab il-Kunsil fi Sqaq Nru. 4 fi Triq tal-Għajn u approvat wkoll li bozza eżistenti fl-istess Sqaq titressaq aktar `il ġew.

Il-Kunsillier Lorry Apap talab li jiġi skużat u ħareġ.

L-Awtorita' ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar bagħtet il-listi t`applikazzjonijiet ġodda għal permess ta` żvilupp li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Kunsill tal-Fontana. Is-Sindku qal illi dwar l-applikazzjoni numru 07914/06 fi Triq tal-Għajn in-naħa ta` fuq, quddiem 'Ta` Ġolina *Supermarket*' ġie deċiż b`konsultazzjoni mal-Kunsilliera peress li ż-żmien kien limitat illi l-Kunsill jikteb lill-MEPA li dan il-proġett ser joħloq inkonvenjent minħabba n-natura tal-kobor tiegħu li hu t`aktar minn ħames t`elef metru kwadru ta` żvilupp. Għaldaqstant il-Kunsill talab li bħala kumpens jingħata somma flus fl-*Urban Improvement Fund* biex ikun jista` jitwettaq xi proġett li jgawdu minnu r-residenti tal-Fontana.

L-Awtorita' ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar bagħtet kopji t`avviżi t`infurzar fi Triq is-Sajjieda, fi Triq tal-Għajn u fi Trejqet ix-Xagħri.

L-Awtorita' ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar bagħtet ir-rapport (DPA) dwar l-applikazzjoni PA 1535/06 għall-kummenti tal-Kunsill. Wara diskussjoni bejn is-Sindku u l-Perit Attard Montalto sar qbil mar-rakkomandazzjonijiet ta` dan ir-rapport minbarra li l-art tal-*Playing Field* ma ssirx bil-ġebla tal-qawwi bħal ma ser tkun l-*area* li ser tiġi biswit iz-zuntier minflok il-fondi 190, 191 fi Triq tal-Għajn kif rakkomandat, iżda bil-*paving-blocks* u s-*safety-carpets*. Din l-ittra ntbagħtet lill-MEPA mill-Perit Attard Montalto.

Il-Perit Lucien Stafrace mill-MEPA kiteb dwar il-fondi mill-*Urban Improvement Fund*. Il-Kumitat li twaqqaf sabiex jevalwa it-talbiet tal-Kunsilli aċċetta ż-żewġ proġetti li ssottometta l-Kunsill tal-Fontana u għaldaqstant huwa eliġibbli għall-fondi. Il-proġett tal-*belvedere* f`tarf Triq ta` Mulejja ser jibbenifika Lm2,500. Il-bqija tal-fondi Lm1,550 jistgħu jiġu utilizzati fil-bini tal-*public convenience* pero` irid jibdel il-pjanti sabiex jirrifletti l-fażijiet differenti. Il-Kunsill ma jaqbilx li jinbidlu dawn il-pjanti. Ġie deċiż illi jintalab li dawn il-fondi jintużaw għas-sistema ġdida ta` dawl fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili.

Il-MEPA bagħtet ukoll *leaflets* dwar siti miftuħa li joħolqu nkonvenjent. Din hija inizjattiva tal-MEPA flimkien mal-Kunsill Lokali. Dawn il-*leaflets* ser jitpoġġew għall-dispożizzjoni tal-pubbliku.

Il-Bord ta` l-Appell dwar l-Ippjanar tal-MEPA ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-multa tal-PA 7009/02 dwar l-għamara tat-triq fi Pjazza l-Għejjun ma tħallsitx. Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet il-korrispondenza relatata fejn turi li l-multa tħallset fit-3 ta` Jannar 2006.

Is-Sur Lawrence Farrugia mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat korrispondenza dwar programm ta` l-E.U."Equal Mt-3". Il-Kunsill ġie mitlub jagħżel żewġ rappreżentanti (nies inattivi) mill-lokalita' li jkun lesti jipparteċipaw fi grupp li ser jitwaqqaf fuq bażi reġjonali.

Ms. Romina Scerri mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħtet korrispondenza dwar l-attendenzi tal-ħaddiema. Minn dan ix-xahar l-attendenzi tal-ħaddiema jridu jintbagħtu lis-Sur Manuel Camilleri fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Ms. Scerri bagħtet ukoll ittra fejn talbet lill-Kunsill jikkonċedi ħaddiem li għandu assenjat sabiex jingħata b`self lill-Kunsill Lokali tar-Rabat, Għawdex. Dan il-ħaddiem jibqa` assenjat mal-Kunsill tal-Fontana u tali trasferiment ikun wieħed temporanju. Is-Sindku qal illi l-Kunsill Lokali tar-Rabat kien intitolat għal erba` ħaddiema għaldaqstant jekk għal xi raġuni jew oħra dawn ma ġewx assenjati miegħu l-Kunsill tal-Fontana m`għandux ibati l-konsegwenzi ta` din id-deċiżjoni. Jekk titwettaq din id-deċiżjoni jkun qed jonqos ix-xogħol ta` titjib li qed isir fil-lokal minn dawn il-ħaddiema. Il-Kunsill b`mod unanimu ma qabilx ma din id-deċiżjoni, li jiġi mnaqqas ħaddiem u b`dan għandu jiġi nfurmat id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

Is-Sur Silvio Frendo mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali kiteb lill-Kunsill dwar il-kuntratti li għandu mad-Dipartiment tad-Distretti. Il-Kunsill ġie mitlub jerġa jikteb lid-Dipartiment tad-Distretti u jitolbu jikkonferma li huwa lest li jġedded il-kuntratti eżistenti bl-istess termini u kundizzjonijiet. Il-Kunsill qabel illi jibgħat din l-ittra lid-Direttur tal-Proġetti u Żvilupp dwar dan is-suġġett.

Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat kopja t`Avviż Legali 328 ta` l-2006 dwar Kunsilli Lokali (Verifika) u kopja ta` l-Avviż Legali 18 ta` l-2007.

Is-Sinjura Deborah Pace mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħtet korrispondenza dwar id-devoluzzjoni t`art fi Triq ta` Mulejja. Hija nfurmat lill-Kunsill illi t-talba li għamel il-Kunsill intbagħtet lit-Taqsima Proprjeta`tal-Gvern għall-kummenti tagħha. Is-Sinjura Pace talbet ukoll rendikont tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet ir-rendikont mitlub.

Is-Sur Natalino Attard, Direttur fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat diversi korrispondenza dwar il-bidla għall-Ewro fir-rigward tal-Kunsilli Lokali.

Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat korrispondenza dwar l-allokazzjoni finanzjarja 2007-2008. L-allokazzjoni tagħna ser tkun Lm44,184 minbarra l-ammont tal-*bring-in-sites* li għad irid jiġi allokat.

Inqrat Stqarrija għall-Istampa Nru. 18/2006 dwar Opinjoni tal-Viċi-President tal-AKL fil-Kumitat tar-Reġjuni.

Inqrat Stqarrija għall-Istampa Nru. 01/2007 dwar Theddid mhux aċċettabbli fuq is-Sindki u l-Kunsillieri.

Inqrat Stqarrija għall-Istampa Nru. 02/2007 dwar *'50 years of local democracy in Europe'.*

Inqrat Stqarrija għall-Istampa Nru. 03/2007 dwar 'Bi pjan komuni jibbenefikaw il-familji'.

Inqrat Stqarrija għall-Istampa Nru. 04/2007 dwar l-AKL tawgura lill-Arċisqof Patri Pawl Cremona.

Inqrat Stqarrija għall-Istampa Nru. 05/2007 dwar Diskussjonijiet bilaterali għal bidu ta` proġetti fl-oqsma tal-Gvern Lokali bejn Malta, l-Ewropa u ċ-Ċina.

Inqrat Stqarrija għall-Istampa Nru. 06/2007 dwar il-Kummissjoni Ewropeja f`Malta tappoġġja inizjattiva ta` l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

Inqrat Stqarrija għall-Istampa Nru. 07/2007 dwar Laqgħa għall-Kunsillieri tar-Reġjun tal-Majjistral ta` Malta.

Inqrat Stqarrija għall-Istampa Nru. 08/2007 dwar Appoġġ unanimu mill-Kumitat tar-Reġjuni fil-ħidma Maltija.

Inqrat Stqarrija għall-Istampa Nru. 09/2007 dwar il-Kelliem Ewlieni ta` l-Oppożizzjoni, Dr. Chris Cardona, u l-Viċi-Prim Ministru responsabbli mill-Kunsilli Lokali, Dr. Tonio Borg jifirħu lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, u lill-Kunsillieri preżenti għall-Laqgħa tar-Reġjun tal-Majjistral għall-impenn tagħhom favur ħidma mmirata li ttejjeb il-faċilitajiet tal-lokalitajiet ta` Malta u Għawdex fil-qasam tat-Turiżmu.

Inqrat Stqarrija għall-Istampa Nru. 10/2007 dwar L-Ewropej infurmati bl-isfidi soċjali f`Pajjiżna mill-AKL: Appell għall-Azzjoni.

Inqrat Stqarrija għall-Istampa Nru. 11/2007 dwar Att vandalu fuq id-dar u l-vettura tas-Sindku tal-Ħamrun.

Inqrat Stqarrija għall-Istampa Nru. 12/2007 dwar l-AKL timbarka fuq Kampanja favur ugwaljanza sħiħa u effettiva.

Inqrat Ċirkulari AKL 68/2006 dwar Ħaddiema ta` l-IPSL.

Inqrat Ċirkulari AKL 69/2006 dwar Awguri mill-Eżekuttiv ta` l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

Inqrat Ċirkulari AKL 70/2006 Bdil ta` Awguri għall-Ewwel tas-Sena – 2007.

Inqrat Ċirkulari AKL 71/2006 dwar Talba għall-ġemellaġġ mal-*Comune di Valmontone*, Italja.

Inqrat Ċirkulari AKL 01/2007 dwar Ħaddiema ta` l-*IPSL* assenjati mal-Kunsilli Lokali.

Inqrat Ċirkulari AKL 02/2007 dwar aħbar tal-mewt tas-Sur Maurice Debono, ex-Kunsillier fil-Kunsill Lokali ta` Bormla.

Inqrat Ċirkulari AKL 03/2007 dwar Flus dovuti lill-Kunsilli Lokali mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta` l-Ilma. Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet l-informazzjoni mitluba.

Inqrat Ċirkulari AKL 05/2007 dwar Ħaddiema ta` l-IPSL mhedda li jitkeċċew.

Inqrat Ċirkulari AKL 06/2007 dwar Tlugħ tal-Bandiera.

Inqrat Ċirkulari AKL 07/2007 dwar ittra mingħand l-awtriċi Natasha Turner.

Inqrat Ċirkulari AKL 08/2007 dwar Devoluzzjoni tad-Dawl.

Inqrat Ċirkulari AKL 09/2007 dwar Għajnuna Umanitarja għal Jakarta. Il-Kunsill qabel illi jkun disponibbli għall-għajnuna mitluba.

Inqrat Ċirkulari AKL 10/2007 dwar Talba għall-ġemellaġġ ma` *Villanueva del Pardillo*, Spanja.

Inqrat Ċirkulari AKL 11/2007 dwar aħbar tal-mewt tas-Sur Carmelo Spiteri, missier is-Sur Joseph Spiteri, Viċi-Sindku fil-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta.

Inqrat Ċirkulari AKL 12/2007 dwar *European Destination of Excellence – Best Emerging Zone*.

Inqrat Memo 01/2007 dwar Għeluq ta` l-Uffiċċini tal-Kunsilli Lokali għall-Pubbliku.

Inqrat Memo 02/2007 dwar Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali (Marzu 2007).

Inqrat Memo 03/2007 dwar Proċess għall-Bidla għall-Ewro.

Inqrat Memo 04/2007 dwar Elezzjonijiet Kunsilli Lokali (Marzu 2007).

Inarat Memo 05/2007 dwar Mistoqsija Parlamentari Nu 23972. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet din il-Mistoqsija.

Inqrat Memo 06/2007 dwar Proċess għall-Bidla għall-Ewro.

<u>Mistoqsijiet</u>

Ma kienx hemm mistoqsijiet f`din il-laqgħa.

<u>Għoti ta` l-Offerti</u>
Kien hemm żewġ offerti għax-xogħol ta` ċċangar bil-patterned *monolithic concrete paving system*. Dawn kienu:

- Nicky Saliba - Lm18.40,0 kull metru kwadru;
- *M.P.J. Ltd.* - Lm19.80,0 kull metru kwadru.

Is-Sur Paul Zahra, *Works Manager*, imqabbad mill-Kunsill bħala *Contracts Manager*, kiteb lill-Kunsill illi minn dawn iż-żewġ offerti jidher ċar li l-offerta ta` Nicky Saliba hija l-aktar waħda vantaġġjuża għall-Kunsill. Il-Kunsill qabel illi jagħti din l-offerta lil Nicky Saliba.

Kien hemm tliet offerti għall-provvista ta` dawl dekorattiv għal Triq il-Kappillan Ġużepp Hili. Dawn kienu għal 21 fanal:

- *E. Calleja & Sons Ltd.* - Option A Lm73.00,0 – Lm1533.00,0<br>Option B Lm247.00,0 – Lm5187.00,0;<br>+ Lm51.46,0 għall-*spare components.*
- Richard Cauchi - Option A Lm317.24,0 – Lm6662.04,0<br>Option B Lm337.72,0 – Lm7092.12,0;<br>+ Lm51.69,0 għall-*spare components* pero` ma tax prezz tad-*diffuser* peress li jiddependendi mill-mudell.
- *MPJ Ltd.* - Models 1A u 1B Lm85.00,0 – Lm1785.00,0;<br>Model 2 Lm75.00,0 – Lm1575.00,0.<br>+ Lm31.64,0 għall-*spare components.*

L-Inġinier Renzo Curmi, *Contracts Manager* ta` *Galea Curmi Engineering Consultants*, attenda għall-laqgħa fejn spjega r-rapport li ħejjew dwar dawn l-offerti. Ir-rakkomandazzjonijiet ta` *Galea Curmi Engineering Consultants* fl-evalwazzjoni li għamlu huma l-offerta ta` *MPJ Ltd.* m`għandhiex tiġi kkunsidrata minħabba diversi devjazzjonijiet u l-offerti ta` *E. Calleja & Sons Ltd.* u ta` Richard Cauchi jridu jiġu diskussi diversi punti tekniċi li huma pendenti. Wara diskussjoni l-Kunsill iddeċieda li din l-offerta titħalla pendenti għall-laqgħa oħra.

<u>Approvazzjoni ta` kontijiet</u>
Il-kontijiet ta` hawn taħt ġew approvati:

| | | |
|---|---|---|
| *Maltacom p.l.c.* | Lm | 84.76,0 |
| *Department of Information* | Lm | 8.00,0 |
| *Zammit & Cefai Co. Ltd.* | Lm | 79.65,0 |
| *Water Services Corporation* | Lm | 56.45,0 |
| Avukat Chris Said | Lm | 75.00,0 |
| *Galea Curmi Engineering Consultants* | Lm | 6.63,0 |
| *WasteServ Malta Ltd.* | Lm | 127.30,0 |
| *Levo Laboratory Services* | Lm | 29.50,0 |

| | | |
|---|---|---|
| *OS3* | Lm | 128.92,0 |
| *Vaults Co. Ltd.* | Lm | 49.00,0 |
| *Dominic Department Stores* | Lm | 5.25,0 |
| Perit Joseph Dimech | Lm | 9.44,0 |
| Anthony Mercieca | Lm | 546.00,0 |
| Anthony Mercieca | Lm | 20.00,0 |
| Joseph Muscat | Lm | 30.00,0 |
| Andrew Vassallo | Lm | 311.52,0 |
| *Rapa Showrooms Co. Ltd.* | Lm | 12.93,0 |
| *Zammit Aluminium Ltd.* | Lm | 115.25,0 |
| *Office Needs* | Lm | 91.35,0 |
| *Maltacom p.l.c.* | Lm | 67.09,0 |
| *Commissioner for Data Protection* | Lm | 20.00,0 |
| Maltapost p.l.c. | Lm | 6.60,0 |
| Richard Cauchi | Lm | 44.98,0 |
| Richard Cauchi | Lm | 138.88,0 |
| Total | | Lm2064.50,0 |

Il-Kunsill iddeċieda li jaqta` 5% mill-kont ta` Richard Cauchi għad-dewmien li sar biex jitranġaw *floodlights* ta` fuq il-Knisja, dan hu konfermat mill-*e-mails* li għaddew bejn il-Kunsill u *Galea Curmi Engineering Consultants.*

L-iskeda ta` pagamenti Nru. 20/2005 ġiet approvata.

**<u>Ilmenti/Suġġerimenti</u>**

Is-Sur Emanuel Schembri ta` 'Schembri House' Triq is-Sajjieda kiteb ilment lill-Kunsill bħala risposta lill-MEPA fuq Triq Wied Siekel. Il-Kunsill qabel illi jibgħat kopja ta` din l-ittra lill-MEPA.

Is-Sur Tonio Schembri ta` 269 Triq tal-Għajn talab lill-Kunsill sabiex jitranġa n-naħa ta` ġewwa fi Sqaq Nru. 2 fi Triq tal-Għajn. Il-Kunsilliera Maria Schembri astjeniet peress li għandha nteress. Il-Kunsill qabel illi dan l-Isqaq jitranġa bil-ħaddiema tiegħu.

Ms. Mary Gatt ta` 295 Triq tal-Għajn talbet lill-Kunsill sabiex issir tarġa oħra fil-ġenb peress li għandha tinsab għolja ħafna. Is-Sindku qal illi għandu jiġi kkuntattjat is-Sur Paul Zahra sabiex jara x`jista` jsir. Il-Kunsill qabel.

Is-Sur Giovann Vella ta` 118, Triq Wied Siekel talab lill-Kunsill sabiex titwessa` Triq Wied Siekel in-naħa ta` fuq kif indikat fuq pjanta li ppreżenta. Huwa talab dan sabiex jiffaċilita' l-problema tat-traffiku li teżisti speċjalment tat-trakkijiet li ma jistgħux jgħaddu bil-wisa' tat-triq li hemm eżistenti. Il-Kunsill qabel illi l-*area* msemmija hija skedata u ta` sidien privati. Hemm ukoll talba pendenti quddiem l-A.D.T. biex isiru sinjali sofor in-naħa tal-ħajt tas-sejjieħ biex ma jkunx jista` jsir pparkjar ta` vetturi. Is-Sur Vella għandu jiġi avżat b`dan.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi fi Triq Wied Siekel hemm bżonn illi ssir *'Stop Sign'*. Il-Kunsill qabel illi jressaq din it-talba lill-Uffiċċjali ta` l-A.D.T. f`Għawdex.

Is-Sindku qal illi nġibditlu l-attenzjoni mis-Sur John Cordina li hu wieħed mill-proprjetarji tad-dar li hemm fil-kantuniera sabiex tiġi mqaxxra dik il-parti fi Triq tal-Għajn kantuniera ma Triq il-Kappillan Ġużepp Hili għaliex hija perikoluża. Il-Kunsilliera Maria Schembri qalet illi ma jdumx ma jsir xi aċċident. Il-Kunsill qabel illi din il-parti tiġi mqaxxra.

<u>Materji oħra</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat il-*quarterly report* għall-perjodu Ottubru-Diċembru 2006.
Il-Kunsill qabel illi l-laqgħa tal-lokalita' ssir nhar il-Ħadd, 25 ta` Marzu fid-9.30a.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv. Għandu jitqassam avviż f`kull residenza kif ukoll ser jidher l-avviż fuq il-Gazzetta tal-Gvern.
Is-Sindku ssuġġerixxa li ssir ħarġa għal Malta għall-festi tal-Ġimgħa Mqaddsa. Il-Kunsilliera Maria Schembri ssuġġeriet illi ssir il-Ħadd, l-1 t`April 2007. Il-Kunsill qabel.
Dwar il-*parking-bays* fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili, l-Kunsill irċieva wieħed u għoxrin risposta mingħand ir-residenti ta` din it-triq minn 55 li tqassmu. Tnax ma jablux li jsiru l-*parking-bays* filwaqt li disa` jaqblu. Għaldaqstant ġie deċiż illi dawn ma jitkomplewx u l-*parking-bays* li hemm eżistenti jitgħattew.
Il-Perit John saliba bagħat ittra lit-Taqsima Proprjeta` tal-Gvern li x-xogħol tar-restawr tal-Għajn il-Kbira sar kif approvat mill-MEPA u taħt is-superviżjoni tiegħu, kif kien mitlub mit-Taqsima stess.
Is-Sindku ppreżenta stima sabiex tintbagħat lill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta` l-Ilma biex tkun tista' tinqala katusa tad-drenaġġ li hemm fi Sqaq Bieb il-Għajn.
Kien hemm tliet kwotazzjonijiet għal xiri ta` *photocopier*. Dawn kienu:

- *Avantech* - Lm668.00,0 + Vat - Lm100.00,0 tat-*trade-in* tal-*photocopier* il-qadima = Lm568.00, + Vat (*Automatic Document Feeder* (Lm177.00,) + *Cabinet* (Lm67.26,0) mhux inklużi fil-prezz);
- *Sharp* - Lm400.00,0 - Lm50.00,0 tat-*trade-in* tal-*photocopier* il-qadima = Lm350.00,0 (*Automatic Document Feeder* (Lm135.00,0) + *Cabinet* (Lm65.00,0)mhux inklużi fil-prezz);
- *Xerox* - Lm860.00,0 - Lm250.00,0 tat-*trade-in* tal-*photocopier* il-qadima = Lm610.000.

Il-Kunsill iddeċieda li jara kif jaħdmu. Għaldaqstant ġie deċiż illi nhar l-Erbgħa, 14 ta` Marzu mmorru Malta sabiex naraw l-operat ta` dawn il-magni. Għandha tinkera karozza għal dan il-għan.
Dwar il-permessi għall-parkeġġ ikkontrollat inġabru tliet kwotazzjonijiet li kienu:

- *B.C.D. Printing Ltd.* - Lm20;
- *Gozo Press* - Lm15;
- *Portelli Print* - Lm11+Vat = Lm12.98,0.

Dawn il-prezzijiet huma kkwotati għal 500 permess. Il-Kunsill qabel illi jordna 1000 permess mingħand *Portelli Print* peress li kienet l-orħos offerta. Ġie deċiż ukoll illi l-kulur tal-permess jkun blu.
Dwar is-*safety carpets* għal taħt l-apparat tal-*Playing Field* kien hemm żewġ kwotazzjonijiet. Dawn kienu:

- *City Sport & Play* - Lm647.82,0;

- *John G. Cassar Ltd.* - Lm567.00,0.

Il-Kunsill qabel illi meta jmur Malta minħabba l-*photocopier* jiġbor *sample* ta` dan il-materjal.

Is-Sindku qal illi lill-aħwa Francesca u Gabrielle Sciberras ma tajnihom xejn tas-sehem tagħhom fil-programm li sar fiċ-Ċentru Parrokkjali f'’Jum il-Fontana’. Ġie deċiż illi jingħataw *voucher* ta` Lm10 kull wieħed. Il-Kunsilliera Maria Schembri astjeniet minn din id-deċiżjoni peress li għandha nteress.

Saret il-ħarġa għat-tfal għaċ-ċirku ‘Bellucci’ li kien armat ħdejn il- *‘Bus Terminus’*. Attendew 64 tfal mill-Fontana flimkien ma numru ieħor ta` ġenituri kif ukoll tfal oħra li m`humiex mill-Fontana. Kienu preżenti wkoll is-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsilliera Anthony Cassar u Maria Schembri.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi bi żvista fil-minuti tal-laqgħa preċedenti ma tniżżilx li hu nforma lill-Kunsill u l-membri preżenti qablu, li sidien t`appartamenti ta` *Fontanella Gardens* kienu talbuh biex issir applikazzjoni f`isem il-Kunsill għad-dawl ta` din it-triq, li ser isir mill-iżviluppatur. Peress li minn dakinhar sa llum din l-applikazzjoni ġiet milqugħa mill-Korporazzjoni *EneMalta* s-sidien ser jiffrankaw il-konsum tad-dawl. Dan sar b`konsultazzjoni ma` *Galea Curmi Engineering Consultants* li huma responsabbli mill-proġett *‘Fontanella Gardens’*.

Ix-xogħol ta` restawr fin-niċċa tas-Salvatur tlesta, issa jmiss li jintbagħat rapport lill-MEPA mill-Perit dwar l-istat li tinsab din in-niċċa wara li tlesta dan ix-xogħol ta` tneħħija ta` siment.

Ix-xelter ta` ħdejn l-Għejjun intuża għall-programm televiżiv għall-*treasure hunt”*.

Għall-okkażjoni tal-funeral ta` Fr. Joe Galea sar bukkett mill-Kunsill Lokali. Is-Sindku, l-Viċi-Sindku u l-Kunsillier Anthony Cassar flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv attendew għall-funeral. Is-Sindku laqa` l-President tar-Reppublika u mistednin distinti oħra.

Ħareġ il-permess tal-MEPA biex isir il-*belvedere* ta` Triq ta` Mulejja bil-kundizzjoni li għandha ssir konsultazzjoni mal-A.D.T.u mal-K.N.P.D. Attendew għall-Bord DCC A is-Sindku u l-Perit Ivana Farrugia. Ġie deċiż mill-Kunsill li toħroġ l-offerta biex jitwettaq dan ix-xogħol. Il-ħlas sabiex tinġabar din it-*tender* ser ikun Lm15.

Ġew immarkati l-post fejn iridu jsiru l-fanali fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili mill-Enġinier Mario Galea flimkien mas-Sindku.

Saret laqgħa fl-Uffiċċju tal-*Europe Direct* f`Għawdex fejn is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ddiskutew kif tista` tiġi mistħarrġa bdil ta` grupp t`anzjani ma` xi lokalita` fl-Unjoni Ewropeja u dwar il-possibilita` ta` *Festival* tal-logħob tan-nar.

Twaħħlet ukoll bozza ġdida mill-Kunsill fi Triq Mons. M. Buttigieg peress li kien hemm ħafna dlam. Din saret aktar il-ġewwa fit-triq minn fejn kienet inqalgħet l-oħra li kienet saret u kellha terġa` tinqala madwar sentejn ilu, minħabba l-oġġezzjoni ta` sid il-proprjeta` li kien talabha.

Is-Sindku nforma li attenda laqgħa għas-Sindki Għawdxin fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali Rabat. Din saret mal-Assistent Kummissarju tal-Pulizija Paul Sammut u s-Superintendent Charles Bonello, responsabbli minn Għawdex. Matul din il-laqgħa ġew diskussi diversi problemi tal-Kunsilli Lokali Għawdxin. Dwar il-Fontana s-Sindku ressaq l-ilmenti li jkun hemm matul is-sajf bil-lejl u biex jiżdiedu l-*patrol* tal-pulizija matul is-sena kollha dwar storbju fil-lokal. Huwa semma wkoll li xi ġimgħat ilu kien hemm każ ta` serq. Is-Sindku qal ukoll illi kellem lis-Sur Paul Sammut dwar id-devoluzzjoni tal-kmamar li għandha f`idejja l-Pulizija fi Triq ta` Mulejja biex jiġu rilaxxati u tkun tista` ssir l-ewwel fażi tal-proġett taċ-Ċentru Ċiviku. Is-Sur Sammut talab il-korrispondenza relatata ma` dan.

Hu ppropona wkoll li l-Kunsill jagħmel ir-restawr tan-niċċa ta` San Ġużepp li tinsab fi 266, Triq tal-Għajn u tal-Madonna tal-Karmnu fi Sqaq ta` Kaputt. Il-Kunsill qabel.

Tkompla wkoll ix-xogħol ta` manutenzjoni mill-ħaddiema tal-Kunsill u tindif kull fejn kien hemm bżonn.
Inbidlu wkoll ix-xtieli tal-qsari tat-telgħa `l isfel mill-Knisja.
Is-seduta tal-Qorti dwar ir-*roadhump* fi Triq tal-Għajn ġiet differita minħabba li l-Avukat Chris Said kien indispost. Dwar xhieda min-naħa tal-Kunsill ser jiġi ppreżentat ir-rapport li kien għamel il-Perit Dimech fis-sena 2001 dwar il-kwistjoni ta` fejn imur l-ilma ta` Pjazza Tomba. Għalhekk ġiet ordnata kopja ta` dan ir-rapport.
Wara diversi rapporti mill-Kunsill lill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta` l-Ilma dwar ħruġ ta` drenaġġ fi Pjazza l-Għejjun saret il-manutenzjoni meħtieġa minn din il-Korporazzjoni.
Inkitbet ukoll ittra lill-MEPA dwar PC 0027/06 dwar is-sitwazzjoni tat-traffiku li jgħaddi bejn Triq San Martin u Triq Wied Siekel, dan wara talba li saret mis-Sur Joe Formosa. Dwar din l-ittra saret konsultazzjoni mal-Kunsilliera kollha li qablu peress li kien hemm żmien limitat biex tintbagħat.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li attenda għall-laqgħa tal-Bord tal-MEPA DCC C li saret il-bieraħ fejn ħareġ il-permess tal-bini taċ-Ċentru Ċiviku. Huwa qal li għal dan il-bord ma kinitx preżenti l-Perit. Huwa nforma wkoll lill-Kunsill li sallum it-*tender* għall-ewwel fażi ta` dan il-proġett għadha mhix lesta minkejja li l-Perit kienet infurmata biex tagħmilha f`Novembru li għadda. Il-Perit reġgħet ġiet infurmata llum biex tlestija kemm jista` jkun malajr. Is-Sindku ppropona li l-ħlas għall-ġbir ta` din it-*tender* ikun ta` Lm30. Il-Kunsill qabel. L-ewwel fażi tikkonsisti fil-kostruzzjoni ta` Sala tal-Komunita', Latrina Pubblika u *Multi-Purpose Room*. Il-Kunsill qabel.

Il-laqgħa ntemmet fis-7.30 ta` filgħaxija. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn, 26 ta` Marzu 2007 fl-4.30 ta` wara nofsinhar.

| | |
|---|---|
| Josianne Cassar | Saviour Borg |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |